# IL-PROĠETT

Bħala parti mill-assessjar kontinwu fil-Ħames Sena tal-Primarja

## A: IL-PROĠETT – linji gwida

1. Għandu jsir proġett wieħed, individwali minn kull student/a.
2. Il-proġett għandu jitlesta u jiġi assessjat mill-għalliema.
3. Fil-każ ta' INTERVISTI, DJARJI, REĊTI u RAPPORTI, in-numru ta' kliem għandu jkun ta' bejn 250 u 400 kelma.
4. Il-preżentazzjonijiet *powerpoint* għandhom jinħadmu f'mhux inqas minn 10 *slides*, mhux iktar minn 25 *slide*. Fil-każ tal-*powerpoints* wieħed għandu jifhem l-importanza ta' kapxins rilevanti, effettivi u f'posthom. Il-kitba użata fil-preżentazzjoni, inklużi t-titli u l-kapxins, m'għandhiex tkun inqas minn 250 kelma u mhux iktar minn 400.
5. Fil-każ ta' *scrapbook*, *project book* jew *A4 copybook*, m'għandux ikun hemm iktar minn 20 paġna, li jinkludu kemm ritratti, illustrazzjonijiet (*diagrams*) u *text*. It-*text* għandu jkun bejn 250 u 400 kelma. Ma jitnaqqsux marki jekk il-proġett ma jkunx ittajpjat/ipprintjat, basta l-kitba tkun pulita u tingħaraf sew. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-organizzazzjoni tal-proġett.
6. F'xi proġetti, dejjem jekk dan ikun jixraq u rilevanti, tista' tintuża għodda elettronika interattiva. L-iżvilupp ta' dawn il-ħiliet tajjeb li jiġu inkuraġġiti.
7. Filwaqt li għandu jsir kull sforz possibbli biex l-istudenti kollha jaħdmu proġett skont il-kriterji stabbiliti, nifhmu li dan mhux dejjem ikun possibbli. Fil-każ ta' studenti bi ħtiġijiet partikolari fit-tagħlim, hija fid-diskrezzjoni tal-għalliem u l-LSEs li jaraw li jaħdem proġett fil-livell/i tiegħu.
8. Il-proġett jista' jinħadem bil-lingwa Ingliża imma t-titlu għandu jidher fl-oriġinal tiegħu bil-lingwa Maltija.
9. It-titlu tal-Proġett kif ukoll id-deskrizzjoni sħiħa tiegħu għandhom jidhru b'mod prominenti fil-bidu ta' kull proġett.

## B (i): IL-PROĠETTI GĦALL-5 SENA PRIMARJA
## SENA A – sena skolastika 2024 – 2025

(N.B. *It titlu flimkien mad-deskrizzjoni tat-titlu għandhom jidhru fil-bidu tal-proġett* )

1. **IĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET FID-DAR TIEGĦI** – Ikteb dwar TLIET ċelebrazzjonijiet li organizzajtu flimkien id-dar. Għid l-okkażjonijiet x'kienu, kif iċċelebrajtuhom u jekk ħadtux gost tiċċelebrawhom. Għid għaliex ċelebrazzjonijiet bħal dawn huma importanti għalik u għall-familja tiegħek. Sebbaħ il-proġett b'xi ritratti taċ-ċelebrazzjonijiet.

2. **INTERVISTA MAL-KAP JEW ASSISTENT KAP TAL-ISKOLA** – Agħmel intervista mal-kap jew assistent kap tal-iskola dwar l-aħħar Jum iċ-Ċelebrazzjoni li sar fl-iskola tagħkom. Staqsi dwar l-attivitajiet li kien hemm u x'kien l-iskop tagħhom. Staqsih dwar xi diffikultajiet li ltaqa' magħhom waqt l-organizzazzjoni taċ-ċelebrazzjoni. Ir-risposti mbagħad agħdimhom forma ta' proġett jew preżentazzjoni *powerpoint.* Sebbaħ il-proġett b'xi ritratti taċ-ċelebrazzjonijiet.

3. **IL-FESTI NAZJONALI** – Agħżel żewġ festi mill-ħamsa li aħna niċċelebraw bħala l-festi nazzjonali; aħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar dawn iż-żewġ festi. Għid kif niċċelebrawhom u semmi xi attivitajiet li jsiru bħala parti miċ-ċelebrazzjoni tagħhom. Sebbaħ il-proġett bi stampi relevanti.

4. **XOGĦLIJIET LI JAGĦMLU L-MALTIN MAT-TURISTI** – Sib tliet xogħlijiet li għandhom x'jaqsmu mat-turiżmu u ikteb dwarhom. Għid kif it-turisti qegħdin ikunu ta' ġid għalina l-Maltin u l-Għawdxin. Tista' tinkludi ritratti tax-xogħlijiet li l-Maltin u l-Għawdxin jagħmlu mat-turisti.

5. **NIPPJANAW ŻJARA TA' TLETT IJIEM FIL-GŻEJJER MALTIN –** Xi ħadd jiġi minnek jew ħabib tiegħek, bi ħsiebu jiġi jqatta' tlett ijiem vaganza fil-Gżejjer Maltin. Agħmel pjan għal din iż-żjara ta' tlett ijiem, issuġġerixxi l-aħjar żmien li jista' jiġi fih, il-postijiet li jista' jżur u x'jista' jagħmel interessanti matul dat-tlett ijiem li jdum hawn. Uża mappa biex timmarka fuqha l-postijiet ta' nteress fejn qiegħed tissuġġerixxi li jkun hemm żjajjar.

6. **KIF NISTGĦU NĦAJRU IKTAR TURISTI JŻURU L-GŻEJJER MALTIN –** Aħdem programm biex tħajjar iktar turisti jżuru l-Gżejjer Maltin. Fost affarijiet oħra oħloq poster u ikteb dwar il-postijiet interessanti li jistgħu jżuru t-turisti. Għid għaliex għandhom jiġu Malta għall-btala tagħhom.

7. **GĦALFEJN JIĠU T-TURISTI**? – Aħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* fejn tagħti raġunijiet għala bosta turisti jiġu Malta. Għid kif aħna l-Maltin nistgħu nħajru iktar turisti biex jiġu Malta. Agħti eżempji konkreti ta' kif għandha tkun l-imġiba tagħna mat-turisti. Agħmel enfasi fuq dak li nistgħu nagħmlu aħna l-istudenti mhux dak li jista' jagħmel ħaddieħor. Tista' ssebbaħ il-proġett permezz ta' ritratti u illustrazzjonijiet (*diagrams*) rilevanti.

8. **L-IMDINA – BELT ANTIKA MALTIJA** – Aħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar il-belt qadima tal-Imdina. Ikteb dwar il-postijiet ta' nteress li tista' tara fl-Imdina, il-qagħda strateġika tagħha fuq għolja, u inkludi ritratti li juru dak li baqa' l-istess f'dil-belt u dak li matul iż-żmien inbidel. Għid għaliex illum, l-Imdina għadha importanti għalina l-Maltin.

9. **IL-BIRGU – BELT ANTIKA U MARITTIMA MALTIJA** – Aħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar il-Birgu. Ikteb dwar il-postijiet ta' nteress li tista' tara fil-Birgu, il-qagħda strateġika tal-Birgu fil-Port il-Kbir, u inkludi ritratti li juru dak li baqa' l-istess f'dil-belt u dak li matul iż-żmien inbidel. Għid għaliex il-Birgu għadu importanti għalina l-Maltin anke llum.

10. **IĊ-ĊITTADELLA – IL-BELT ANTIKA GĦAWDXIJA** – Aħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar iċ-Ċittadella. Ikteb dwar il-postijiet ta' nteress li tista' tara fiċ-Ċittadella, il-qagħda strateġika tagħha fuq għolja, u inkludi ritratti li juru dak li baqa' l-istess f'dil-belt u dak li matul iż-żmien inbidel. Għid għaliex iċ-Ċittadella għadha importanti għalina llum.

11. **MAWRA SAĊ-ĊENTRU TAL-AKKWAKULTURA F'MARSAXLOKK** – Żur iċ-ċentru tal-Akwakultura fit-Torri ta' San Luċjann f'Marsaxlokk mal-għalliem/a jew ma' xi ħadd tal-familja, u wara aħdem proġett qasir dwar l-istess mawra li għamilt. Ikteb dwar l-importanza tal-akwakultura, x'tip ta' ħut jitrabba u kif l-akwakultura qed tgħin biex jissolvew xi problemi marbuta mal-baħar ta' madwarna. Inkludi ritratti li ħadt waqt din il-mawra.

## B (ii): IL-PROĠETTI GĦALL-5 SENA PRIMARJA
## SENA B – sena skolastika 2025 – 2026

(N.B. *It titlu flimkien mad-deskrizzjoni tat-titlu għandhom jidhru fil-bidu tal-proġett* )

1. **INTERVISTA MAS-SINDKU JEW KUNSILLIER** – Agħmel intervista mas-sindku jew kunsillier tal-belt jew raħal tiegħek u staqsi dwar kif jiġi ċċelebrat normalment Jum il-Belt jew Raħal tiegħek. Għid meta jiġi ċċelebrat u għaliex ġie magħżul dak il-jum. Semmi xi attivitajiet li jsiru biex jitfakkar dan il-jum. Ir-risposti mbagħad aħdimhom forma ta' proġett jew preżentazzjoni *powerpoint*. Sebbaħ il-proġett b'xi ritratti taċ-ċelebrazzjonijiet.

2. **NIĊĊELEBRAW IL-FESTA TAGĦNA** – Aħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar iċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru għall-festa tal-belt jew raħal tiegħek. Semmi tliet attivitajiet li jiġu organizzati għall-festa. Għid għaliex iċ-ċelebrazzjoni tal-festa hija importanti għall-komunità tar-raħal/belt tiegħek. Sebbaħ il-proġett b'xi ritratti taċ-ċelebrazzjonijiet.

3. **IT-TURIŻMU** – Agħmel żjara f'ċentru turistiku; agħżel minn: Buġibba, Tas-Sliema, jew Marsalforn. Ikteb dwar dak li rajt waqt iż-żjara. Għid għaliex il-post li għażilt jissejjaħ ċentru turistiku. Għid kif, fl-opinjoni tiegħek, iċ-ċentru turistiku li għażilt u s-servizzi li joffri jistgħu jgħinu biex inħajru iktar turisti jiġu Malta.

4. **INTERVISTA MA' TURIST/A** – Agħmel intervista ma' persuna (turist/a) li qiegħda żżur Malta għal xi btala. Ipprova skopri mingħand din il-persuna għalfejn ġiet Malta, x'ħajjarha tiġi hawn għall-vaganzi tagħha, x'għoġobha u x'seta' dejjaqha waqt iż-żjara.

5. **NITGĦALLMU DWAR IT-TURIŻMU PERMEZZ TA' INTERVISTA** – Intervista ma' xi ħadd (jista' jkun tal-familja) li jaqla' x'jiekol permezz tat-turiżmu. Staqsih jew staqsiha kif jaħdem mat-turisti, meta jaħdem l-iktar (l-istaġuni meta jiġu l-iktar turisti), jekk studjax biex ikun jista' jagħmel dak ix-xogħol, jekk jaħdimx full-time jew part-time mat-turisti, eċċ.

6. **IL-BLIET QODMA U T-TURIŻMU** – Agħżel belt waħda mill-Imdina, il-Birgu jew iċ-Ċittadella u għid kif din qiegħda tkun ta' benefiċċju għall-ħaddiema Maltin li jaqilgħu x'jieklu permezz tat-turiżmu. Agħmel is-suġġerimenti tiegħek dwar xi tibdil li tixtieq tara jseħħ f'din il-belt biex tkun tista' tilqa' u tieħu ħsieb it-turisti aħjar .

7. **L-ORGANIZZAZZJONI TA' ĦARĠA GĦALL-IMDINA** – Immaġina li int għalliem/a tal-Ħames Sena Primarja. Organizza ħarġa lejn l-Imdina għall-klassi tiegħek. Ħu ħsieb kollox, fosthom it-trasport, il-postijiet li se żżuru, kif u fejn se ssib l-informazzjoni, lista ta' affarijiet li jġibu magħhom l-istudenti u l-postijiet u l-ħinijiet meta se tieqfu għall-mistrieħ.

8. **L-ORGANIZZAZZJONI TA' ĦARĠA GĦALL-BIRGU** – Immaġina li int għalliem/a tal-Ħames Sena Primarja. Organizza ħarġa lejn il-Birgu għall-klassi tiegħek. Ħu ħsieb kollox, fosthom it-trasport, il-postijiet li se żżuru, kif u fejn se ssib l-informazzjoni, lista ta' affarijiet li jġibu magħhom l-istudenti u l-postijiet u l-ħinijiet meta se tieqfu għall-mistrieħ.

9. **L-ORGANIZZAZZJONI TA' ĦARĠA GĦAĊ-ĊITTADELLA** – Immaġina li int għalliem/a tal-Ħames Sena Primarja. Organizza ħarġa lejn iċ-Ċittadella għall-klassi tiegħek. Ħu ħsieb kollox, fosthom it-trasport, il-postijiet li se żżuru, kif u fejn se ssib l-informazzjoni, lista ta' affarijiet li jġibu magħhom l-istudenti u l-postijiet u l-ħinijiet meta se tieqfu għall-mistrieħ.

10. **IĊ-ĊENTRU TAL-AKKWAKULTURA F'MARSAXLOKK** – Agħmel riċerka dwar iċ-Ċentru tal-Akkwakultura fit-torri ta' San Luċjan f'Marsaxlokk u wara aħdem proġett dwaru. Ikteb dwar l-importanza tal-akkwakultura, x'tip ta' ħut jitrabba u kif l-akkwakultura qed tgħin biex jissolvew xi problemi marbuta mal-baħar ta' madwarna. Inkludi ritratti li sibt waqt ir-riċerka.

## C: L-Assessjar tal-Proġett

N.B. Għall-iskop ta' din l-għodda ta' assessjar,
(a) **L-EVIDENZA** tinkludi ritratti, stampi, tpenġija, illustrazzjonijiet u informazzjoni miġbura;
(b) **IL-PREŻENTAZZJONI** tinkludi l-introduzzjoni, it-temi prinċipali u l-konklużjoni.

| Marki | Gradi | Kwalità tax-xogħol |
|---|---|---|
| 17 – 20 | A | **Eċċellenti**: hemm evidenza (*ritratti, stampi, tpenġija, illustrazzjonijiet, informazzjoni*) ċara u ta' diversi forom. L-evidenza kollha hija rilevanti għall-proġett. Il-preżentazzjoni (*l-introduzzjoni*, *temi prinċipali, konklużjoni*) hija ppreżentata b'mod strutturat. |
| 13 – 16 | B | **Tajjeb ħafna**: l-evidenza hija suffiċjenti u rilevanti għall-ispjega tal-proġett. Il-preżentazzjoni għandha struttura tajba. |
| 9 – 12 | C | **Tajjeb**: l-evidenza hija suffiċjenti u rilevanti għall-ispjega tal-proġett. L-istruttura tal-preżentazzjoni m'hijiex tajba biżżejjed però l-punti prinċipali huma msemmija kollha. |
| 5 – 8 | D | **Mhux ħażin**: l-evidenza hija limitata imma l-biċċa l-kbira tagħha hija rilevanti għall-proġett. Il-preżentazzjoni hija nieqsa mill-istruttura imma xi punti prinċipali huma msemmija. |
| 0 – 4 | E | **Fqir:** l-evidenza hija limitata ħafna u ħafna mill-evidenza m'hijiex rilevanti għall-proġett. Il-preżentazzjoni ma fihiex struttura. |

Tony Pace
Ex-Uffiċjal Edukattiv Primarja

Anthony Farrugia
Uffiċjal Edukattiv Primarja